# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 8 ta’ 2022, miżmuma nhar il-15 ta’ Ġunju 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u tnax-il minuta ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Vici President(online) |
| • Stephen Cordina | Ħ’Attard LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Ħal Balzan LC | Membru delegat |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll, kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri, kif ukoll Bjorn Bonello.

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Chris Gatt | Mosta LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 1. AĠENDA

1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni tal-President;
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5. Kumunikazjoni
   5.1. Skemi Regjonali
   5.2. Enemalta DG letter
6. Rapporti;
7. Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
   7.1. SIA
   7.2. Waste Tender
   7.3. Luzzu Team Building
   7.4. MFA -Women football – girls event
   7.5. Gardening Course
   7.6. 75th anniversju – Kuncert San Pawl il-Baħar
   7.7. Animal welfare consultation
   7.8. Regional Awards
   7.9. Festival Baned u Nar proposal
8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:12 mill-Viċi President, is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami.

## - Qari tal-ittri t’ Apoloġiji

Is-Sinjuri Chris Gatt, Trevor Fenech u Kyle Mifsud kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

- Il-minuti tal-laqgħa numru 6 miżmuma f’Mejju 2022 ittieħdu bħala moqrija.
  Alfred Grima ippropona li jkunu approvati u Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.
- Il-minuti tal-laqgħa Urġenti numru 7 miżmuma f’Mejju 2022 ittieħdu bħala moqrija. Alfred Grima ippropona li jkunu approvati. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President Cifford Galea qal li rċieva talba t’għajnuna mill-Malta Football Association fejn talbu l-għajnuna għal attivita sportiva tas-sezzjoni tan-nisa. Tali talba kienet waslet direttament mis-Segretarju Parlamentari. Il-President Clifford Galea talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu laqgħa mal-assoċċjazzjoni fejn dawn talbu li tiġi organizzata attivita fix-xhar fejn ser ikun hemm logħob internazzjonali tal-futbol tan-nisa kif ukoll, xtaqu jagħmlu din l-attivita ġewwa r-Reġjun Tramuntana sabiex tikkommemora din. Huwa qal li talbu lir-Reġjun jiprintja numru ta’ flyers u jgħinu biex dawn jitqassmu. Saret diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv intalab li l-attivita ssir fir-Reġjun u jkun hemm iktar informazzjoni mgħoddija lill-Kunsilli. Il-President ippropona li jkun hemm fond ta €1000 għal din l-attivita. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Is-Sur Stefan Cordina staqsa rigward l-iskema tas-sapport lill-Futboll Nursuries. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien qed jiġbor il-kuntatti tan-nursuries mingħand is-Sur Chris Sant li ħa ħsieb il-festival. Il-membri iddiskutew u qablu li huma jkellmu lin-nursuries, u jidereġuhom biex jaraw x’għandhom bżonn u jkellmu lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan.

## – Komunikazzjoni

Alfred Grima staqsa dwar ir-risposta tad-Direttur Ġenerali rigward l-ittra fuq l-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittra li ntbagħtet mid-Direttur Ġenerali fejn informa li l-aħjar għażla tkun li l-President Reġjonali jtella din il-materja fuq il-mejda tal-AKL, għax dan il-ftehim sar mill-AKL.
Saret diskussjoni bejn il-membri u Alfred Grima issuġġerixxa li r-Reġjun għandu jikteb ittra lid-Direttur Ġenerali jistaqsieh minn fejn toħroġ mil-liġi li l-AKL tista tidħol fi ftehim għall-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni, mingħajr ma l-istess Reġjuni jkunu ddiskutew u approvaw it-tagħli ftehim, u jekk dan huwiex legali. Il-membri qablu li din l-ittra għandha tinkiteb u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jinkludihom fil-komunikazzjoni.

Talba t’ għajnuna mill-banda San Pawl. Il-banda San Pawl kitbet lir-Reġjun titlob għajnuna biex ittella kunċert tal-75 sena anniversarju tat-twaqqif tal-istess soċjeta. Saret diskussjoni, u l-membri qablu li tajjeb li r-Reġjun jgħin f’attivitajiet simili. Qablu ukoll li dawn għandhom isiru flimkien mal-Kunsill u li r-Reġjun għandu jkollu fond ta’ għajnuna biex il-Kunsilli jgħinu għaqdiet kulturali li jkunu volontarji jtellgħu attivitajiet għall-komunita jew proġetti tal-komunita. Għal dan il-għan il-President Clifford Galea ippropona li r-Reġjun jalloka €27,000 fond speċjali li jkunu qed jibbenifikaw minnu l-Kunsilli rispettivi b’ammont ta’ €3000 kull wieħed u ġie ssekondat mill-Viċi President Anne Marie Muscat Fenech Adami. Il-Membri qablu unanimament.

## – Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju u żied jgħid li kien għadu kemm wasallu siegħa qabel ma bdiet il-laqgħa. Huwa talab lill-membri jifthiemu għal-lagħa urġenti u ddeċidew biex issir online nhar it-Tnejn 20 ta’ Ġunju fis-sitta ta’ filgħaxija (18:00). Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

SIA (Social Impact Assessment) study – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kellu laqgħa mas-Sinjura Marisa Pisani Direttur DLG, rigward it-tender tal-SIA. Is-Sinjura Pisani kienet spjegat lis-Segretarju Eżekuttiv li r-Reġjun Tramuntana kien l-uniku Reġjun li ħareġ bi proposti, ra fejn iridu jmorru, u l-proposta tal-Univerista ta Malta kienet tajba u timxi mal-linji gwida li nħarġu mid-dipartiment. Il-membri ddiskutew u qablu li r-Reġjun għandu jimxi bil-proposta tal-Universita ta' Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikkomunika mal-Universita u jibda l-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jitkellem mal-Universita u jara li l-istudju fuq il-perċezjoni fuq il-Kunsilli u jkun parti wkoll minn dan l-istudju. In-nefqa ndikata għal dan l-istudju hija ta' €35,000. Paul Vella ippropona li r-Reġjun imexxi b'din il-proposta. Il-President Clifford Galea issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Footsteps of St Paul – Team Building għar-Reġjun – L-attivita mtella mir-Reġjun kienet waħda pożittiva. Il-President irringrazzja lil dawk li attendew. Din l-attivita tista tittella mir-Reġjun għal membri tal-komunita. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jekk jintużaw l-erba' dgħajjes, ikun jista jkun hemm madwar 150 persuna. Il-membri qablu li din tkun idea tajba u li r-Reġjun għandu jgħin lill-Kunsilli biex jagħmluha.

Kors tal-Ortikultura. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fil-ġimgħa ta' qabel kien bgħat korrispondenza sabiex jitella l-kors tal-Ortikultura fil-Kunsilli Lokali kollha. Huwa qal li numru ta' Kunsilli kienu rrispondew u oħrajn talbu għal aktar żmien. Fil-ġimgħat li ġejjin Bjorn Bonello ser ikun qed jikkuntattja lill-Kunsilli Lokali biex ifassal l-iskeda ta' dati għal dan il-kors.

Jum ir-Reġjun – Il-President Clifford Galea ippreżenta proposta li jibda jittella Jum ir-Reġjun, u fih ikun hemm sistema ta' Onorificenze Reġjonali. Saret diskussjoni bejn il-membri. Alfred Grima wera t-tħassib tiegħu li din l-attivita tista tkun repetizzjoni ta' dak li jagħmlu l-Kunsilli. Il-membri qablu li għandu jkun hemm Jum ir-Reġjun mingħajr il-bżonn li jkun hemm sistema formali ta' onorificenze.

Festival Baned u Nar – Il-President Clifford Galea talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega l-proposta tal-Festival Baned u Nar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-proposta mibgħuta lill-membri tapoġġi dan il-festival li jittella bejn it-tielet jew ir-raba' ġimgħa t' Ottubru u li dan il-festival jittella fuq medda ta' tliet snin, fejn ikunu qed iseħħu fil-lokalitajiet kollha; tlieta kull sena. Huwa spjega l-kunċett li l-festival jibda forma ta' lejla Maltija fil-lokalitajiet ta' Ħ'Attard, Ħal-Balzan u Mtarfa, fit-tieni lejl ikun hemm nar tal-ajru fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, Mġarr u San Ġwann, u fit-tielet lejl nar tal-art fil-lokalitajiet tal-Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar. Għandu jkun hemm kunċert f'kull lejl, imtella mill-Banda Reġjonali ffurmata mill-baned kollha. Il-logħob tan-nar ikun ikkordinat forma ta' spettaklu. In-nefqa proposta hija ta' €50,000 fis-sena. Il-membri iddiskutew din il-proposta u qablu li jkun tajjeb li jittella f'kull lokalita hekk kif propost. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li r-Reġjun jimxi fuq din il-proposta. Stephen Gatt issekonda. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jibda jaħdem fuq din l-proposta u jara kif ser tittella.

Animal Welfare – Konsultazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Bjorn Bonello jispjega l-konsultazzjoni tal-Animal Welfare. Is-Sur Bonello spjega li preżentament kienet għaddejja konsultazzjoni mal-Ministeru, u kien prepara sottomissjoni għal din il-konsultazzjoni. Bjorn Bonello kien diġa bgħat din il-konsultazzjoni lill-Kunsilli u ħa feedback fuqha. Il-membri qablu li s-sottomissjoni għandha tintbgħat hekk kif proposta.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 150 kienet ippreżentata. Stephen Gatt ippropona li tkun approvata. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 13 ta’ Lulju, fis-sitta ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | __________________________ |
| Clifford Galea | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum l-Erbgħa 13 ta’ Lulju, 2022



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt